Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/342 23.1.2024

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/342

## tat-22 ta' Jannar 2024

## li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għaċ-ċiflumetofen, l-oksatijapiprolin, u l-piraklostrobin f'ċerti prodotti jew fuqhom

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1), il-punt (a), tiegħu,

Billi:

(1) Għas-sustanzi attivi ċiflumetofen, oksatijapiprolin u piraklostrobin, il-livelli massimi ta' residwi ("MRLs") ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Fir-rigward taċ-ċiflumetofen, ġiet sottomessa, applikazzjoni li titlob modifika għall-MRL eżistenti għaċ-ċiflumetofen fiz-zukkini u l-ħjar tal-pikles skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(3) Dwar dik l-applikazzjoni, Stat Membru għamel talba biex juża l-proċedura rapida, prevista fil-Linji Gwida Tekniċi dwar il-proċedura tal-istabbiliment tal-MRLs ([2]), biex jistabbilixxi MRL ibbażat fuq provi tar-residwi fuq il-ħjar.

(4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ivvalutat il-provi tar-residwi fuq il-ħjar fil-qafas tar-rieżami tal-MRLs eżistenti għaċ-ċiflumetofen, u tat opinjoni motivata dwar l-MRL propost ([3]). Dik l-opinjoni hija bbażata fuq l-għarfien xjentifiku u tekniku attwali dwar is-suġġett. Billi jixraq li mir-riżultati tal-provi tar-residwi fuq il-ħjar, jiġu estrapolati r-riżultati għaz-zukkini, għall-ħjar tal-pikles u għall-"kukurbiti oħra b'qoxra li tittiekel", kif ikkonfermat mil-linji gwida tal-Unjoni dwar l-estrapolazzjoni tal-MRLs ([4]), mhuwiex meħtieġ li l-Awtorità tintalab tagħti opinjoni motivata speċifikament dwar dawk l-għelejjel.

(5) Għalhekk jixraq li l-MRL għaċ-ċiflumetofen fiz-zukkini, fil-ħjar tal-pikles u f'"kukurbiti oħra b'qoxra li tittiekel" jiġi stabbilit għal 0,4 mg/kg abbażi tal-provi tar-residwi mwettqa fuq il-ħjar.

(6) Rigward l-oksatijapiprolin, ġiet sottomessa applikazzjoni li titlob modifika tal-MRL eżistenti għall-weraq tar-ravanell skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(7) Fir-rigward tal-piraklostrobin, ġiet sottomessa applikazzjoni għat-tolleranzi għall-importazzjoni għal dik is-sustanza użata fil-Brażil fuq il-papaja skont l-Artikolu 6(2) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. L-applikant ipprovda *data* li turi li l-użi tal-piraklostrobin fuq dik l-għalla li huma awtorizzati fil-Brażil iwasslu għal residwi li jaqbżu l-MRL stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 u li jkun meħtieġ MRL ogħla biex jiġu evitati l-ostakli kummerċjali meta tiġi importata din l-għalla.

---

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) Il-Linji Gwida Tekniċi dwar il-proċedura tal-istabbiliment tal-MRLs f'konformità mal-Artikoli 6 sa 11 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 u l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 (SANTE/2015/10595 Rev. 6.1).

([3]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel. Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for cyflumetofen according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. *EFSA Journal* 2021;19(8):6812.

([4]) Linji gwida tekniċi dwar ir-rekwiżiti tad-*data* għall-istabbiliment tal-livelli massimi ta' residwi, il-komparabbiltà tal-provi tar-residwi u l-estrapolazzjoni tad-*data* dwar ir-residwi fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali (SANTE/2019/12752–10 ta' Mejju 2023).

(8) F'konformità mal-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, l-applikazzjonijiet ġew evalwati mill-Istati Membri kkonċernati u r-rapporti ta' evalwazzjoni intbagħtu lill-Kummissjoni.

(9) L-Awtorità vvalutat l-applikazzjonijiet u r-rapporti ta' evalwazzjoni. B'mod partikolari, eżaminat ir-riskji għall-konsumaturi u, fejn rilevanti, għall-annimali, u tat opinjonijiet motivati dwar l-MRLs proposti ([5]). Bagħtet l-opinjonijiet motivati tagħha lill-applikanti, lill-Kummissjoni, u lill-Istati Membri, u ppubblikathom.

(10) Fir-rigward tal-oksatijapiprolin fil-weraq tar-ravanell, l-Awtorità kkonkludiet li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju dwar kif għandu jiġi implimentat l-MRL propost peress li l-weraq tar-ravanell huma inklużi fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 u kklassifikati taħt is-sottogrupp tal-kaboċċi ("kales"), imsemmi fil-Parti A ta' dak l-Anness, iżda r-residwi tal-oksatijapiprolin fil-weraq tar-ravanell ġejjin mill-użu ta' din is-sustanza fuq ir-ravanell. Billi bħalissa fl-Unjoni ma ġie rrappurtat l-ebda użu għall-oksatijapiprolin fil-kaboċċi ("kales"), f'konformità mad-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf ([6]), jixraq li jiġi stabbilit l-MRL il-ġdid ta' 1,5 mg/kg propost mill-Awtorità għall-oksatijapiprolin fil-weraq tar-ravanell biss.

(11) Fir-rigward tal-piraklostrobin fil-papaja, l-Awtorità kkonkludiet li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju dwar jekk jiġix stabbilit l-MRL il-ġdid fil-livell ta' 0,6 mg/kg, kif derivat mill-Awtorità abbażi tal-valutazzjoni tal-provi tar-residwi fuq il-papaja sottomessa mill-Brażil, jew fuq l-MRL ta' 0,5 mg/kg, li huwa fis-seħħ fil-pajjiż tal-esportazzjoni, il-Brażil. F'konformità mal-Linji Gwida Tekniċi dwar il-proċedura tal-istabbiliment tal-MRLs ([7]), jenħtieġ li MRL stabbilit fil-qafas ta' applikazzjoni ta' tolleranza għall-importazzjoni ma jaqbiżx dak approvat fil-pajjiż tal-esportazzjoni. Għalhekk, jixraq li l-MRL jiġi stabbilit fil-livell stabbilit fil-Brażil (0,5 mg/kg).

(12) Fil-każ tal-modifiki kollha msemmija hawn fuq għall-MRLs fir-rigward taċ-ċiflumetofen, tal-oksatijapiprolin u tal-piraklostrobin mitluba mill-applikanti, l-Awtorità kkonkludiet li ġew issodisfati r-rekwiżiti kollha tad-*data* u li l-modifiki għall-MRLs mitluba mill-applikanti kienu aċċettabbli fir-rigward tas-sikurezza tal-konsumatur abbażi ta' valutazzjoni tal-esponiment tal-konsumaturi għal 27 grupp speċifiku Ewropew tal-konsumatur. B'din il-konklużjoni, l-Awtorità qieset l-aktar *data* riċenti dwar il-proprjetajiet tossikoloġiċi tas-sustanzi. La l-esponiment fit-tul għal dawn is-sustanzi mill-konsum tal-prodotti tal-ikel kollha li jista' jkun fihom dawk is-sustanzi, u lanqas l-esponiment għal perjodu qasir minħabba l-konsum għoli tal-prodotti rilevanti ma juru li hemm riskju li tinqabeż id-doża aċċettabbli ta' kuljum jew id-doża akuta ta' referenza.

(13) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti elenkati fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-modifiki proposti għall-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu.

(14) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([5]) Reasoned Opinion on the modification of the existing maximum residue level for oxathiapiprolin in kales/radish leaves. *EFSA Journal* 2022;20(1):7049,
Reasoned Opinion on the setting of import tolerance for pyraclostrobin in papayas. EFSA Journal 2023;21(6):8056.

([6]) Report of the Standing Committee on Plants, Animals, Food and Feed, Section Phytopharmaceuticals – Residues, April 2022. https://food.ec.europa.eu/system/files/2022-05/sc_phyto_20220411_ppl_sum.pdf.

([7]) Il-Linji Gwida Tekniċi dwar il-proċedura tal-istabbiliment tal-MRLs f'konformità mal-Artikoli 6 sa 11 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 u l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 (SANTE/2015/10595 Rev. 6.1).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-kolonni għaċ-ċiflumetofen, għall-oksatijapiprolin u għall-piraklostrobin huma sostitwiti b'dan li ġej:

*"ANNESS II*

**Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)**

| In-numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ([a]) | Ċiflumetofen (is-somma tal-isomeri) | Oksatijapiprolin | Piraklostrobin (F) |
|---|---|---|---|---|
| 0100000 | **FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR** | | | |
| 0110000 | **Frott taċ-ċitru** | 0,5 | 0,05 | 2 |
| 0110010 | Grejpfrut | | | |
| 0110020 | Larinġ | | | |
| 0110030 | Lumi | | | |
| 0110040 | Xkomp | | | |
| 0110050 | Mandolin | | | |
| 0110990 | Oħrajn | | | |
| 0120000 | **Ġewż tas-siġar** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | |
| 0120010 | Lewż | | | 0,02 (*) |
| 0120020 | Ġewż tal-Brażil | | | 0,02 (*) |
| 0120030 | Ġewż tal-anakardju | | | 0,02 (*) |
| 0120040 | Qastan | | | 0,02 (*) |
| 0120050 | Ġewż tal-Indi | | | 0,02 (*) |
| 0120060 | Ġellewż/ġellewż Ewropew | | | 0,02 (*) |
| 0120070 | Macadamia | | | 0,02 (*) |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 0120080 | Ġewż Amerikan | | | 0,02 (*) |
| 0120090 | Qlub tal-ġewż tal-arżnu | | | 0,02 (*) |
| 0120100 | Pistaċċi | | | 1 |
| 0120110 | Ġewż | | | 0,02 (*) |
| 0120990 | Oħrajn | | | 0,02 (*) |
| 0130000 | **Pomu** | 0,4 | 0,01 (*) | 0,5 |
| 0130010 | Tuffieħ | | | |
| 0130020 | Lanġas | | | |
| 0130030 | Sfarġel | | | |
| 0130040 | Naspli | | | |
| 0130050 | Naspli tal-Ġappun | | | |
| 0130990 | Oħrajn | | | |
| 0140000 | **Frott tal-għadma** | | 0,01 (*) | |
| 0140010 | Berquq | 0,3 | | 1 |
| 0140020 | Ċiras (ħelu) | 0,01 (*) | | 3 |
| 0140030 | Ħawħ | 0,3 | | 0,3 |
| 0140040 | Għanbaqar | 0,01 (*) | | 0,8 |
| 0140990 | Oħrajn | 0,01 (*) | | 0,02 (*) |
| 0150000 | **Kukku u frott żgħir ieħor** | | | |
| 0151000 | (a) **għeneb** | 0,6 | 0,7 | |
| 0151010 | Għeneb tal-mejda | | | 0,3 |
| 0151020 | Għeneb għall-inbid | | | 2 |
| 0152000 | (b) **frawli** | 0,6 | 0,01 (*) | 1,5 |
| 0153000 | (c) **frott tal-kannamiela** | 0,01 (*) | | |
| 0153010 | Tut | | 0,5 | 3 |
| 0153020 | Ċawsli iswed [Dewberries] | | 0,01 (*) | 2 |
| 0153030 | Lampun (aħmar u isfar) | | 0,5 | 3 |
| 0153990 | Oħrajn | | 0,01 (*) | 2 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 0154000 | (d) **frott żgħir ieħor u berries** | | | |
| 0154010 | Mirtill | 0,01 (*) | 0,5 | 4 |
| 0154020 | Cranberries | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 3 |
| 0154030 | Passolina (ħamra, sewda u bajda) | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 3 |
| 0154040 | Ribes (ħodor, ħomor u sofor) | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 3 |
| 0154050 | Warda skoċċiża | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 3 |
| 0154060 | Ċawsli (iswed u abjad) | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 3 |
| 0154070 | Għanżalor/naspli tal-Mediterran | 0,4 | 0,01 (*) | 3 |
| 0154080 | Frott tas-sebuqa | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 3 |
| 0154990 | Oħrajn | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 3 |
| 0160000 | **Frott - diversi bi** | | 0,01 (*) | |
| 0161000 | (a) **qoxra li tittiekel** | | | 0,02 (*) |
| 0161010 | Tamal | 0,01 (*) | | |
| 0161020 | Tin | 0,01 (*) | | |
| 0161030 | Żebbuġ tal-mejda | 0,01 (*) | | |
| 0161040 | Larinġ tal-qsari | 0,01 (*) | | |
| 0161050 | Karambola | 0,01 (*) | | |
| 0161060 | Kaki | 0,4 | | |
| 0161070 | Jambolan | 0,01 (*) | | |
| 0161990 | Oħrajn | 0,01 (*) | | |
| 0162000 | (b) **qoxra li ma tittikilx, żgħar** | 0,01 (*) | | |
| 0162010 | Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar) | | | 0,02 (*) |
| 0162020 | Liċċi | | | 0,02 (*) |
| 0162030 | Frotta tal-passjoni | | | 0,2 |
| 0162040 | Bajtar tax-xewk/frotta tal-kaktus | | | 0,02 (*) |
| 0162050 | Tuffieħ stilla | | | 0,02 (*) |
| 0162060 | Kaki Amerikan/Kaki tal-Virġinja | | | 0,02 (*) |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 0162990 | Oħrajn | | | 0,02 (*) |
| 0163000 | (c) **qoxra li ma tittikilx, kbar** | 0,01 (*) | | |
| 0163010 | Avokado | | | 0,2 |
| 0163020 | Banana | | | 0,02 (*) |
| 0163030 | Mango | | | 0,6 |
| 0163040 | Papaja | | | **0,5** |
| 0163050 | Rummien | | | 0,02 (*) |
| 0163060 | Ċerimoja | | | 0,02 (*) |
| 0163070 | Gwava | | | 0,02 (*) |
| 0163080 | Ananas | | | 0,3 |
| 0163090 | Frotta tas-siġra tal-ħobż | | | 0,02 (*) |
| 0163100 | Durjan | | | 0,02 (*) |
| 0163110 | Il-frotta tal-annona | | | 0,02 (*) |
| 0163990 | Oħrajn | | | 0,02 (*) |
| 0200000 | **ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT** | | | |
| 0210000 | **Ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | |
| 0211000 | (a) **patata** | | | 0,02 (*) |
| 0212000 | (b) **ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi** | | | 0,02 (*) |
| 0212010 | Għeruq tal-kassava | | | |
| 0212020 | Patata ħelwa | | | |
| 0212030 | Jammijiet | | | |
| 0212040 | Ararut | | | |
| 0212990 | Oħrajn | | | |
| 0213000 | (c) **ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi** | | | |
| 0213010 | Pitravi | | | 0,5 |
| 0213020 | Zunnarija | | | 0,5 |
| 0213030 | Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi | | | 0,5 |
| 0213040 | Għerq tal-mustarda | | | 0,5 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 0213050 | Artiċokks | | | 0,06 |
| 0213060 | Zunnarija bajda | | | 0,5 |
| 0213070 | Tursin tuberuż | | | 0,5 |
| 0213080 | Ravanell | | | 0,5 |
| 0213090 | Sassefrika | | | 0,5 |
| 0213100 | Swedes | | | 0,5 |
| 0213110 | Kromb | | | 0,5 |
| 0213990 | Oħrajn | | | 0,02 (*) |
| 0220000 | **Ħxejjex tal-basla** | 0,01 (*) | | |
| 0220010 | Tewm | | 0,04 | 0,3 |
| 0220020 | Basal | | 0,04 | 1,5 |
| 0220030 | Xalotti | | 0,04 | 0,3 |
| 0220040 | Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales | | 2 | 1,5 |
| 0220990 | Oħrajn | | 0,04 | 0,02 (*) |
| 0230000 | **Ħxejjex tal-frott** | | | |
| 0231000 | (a) **solanacea** | | | |
| 0231010 | Tadam | 0,4 | 0,4 | 0,3 |
| 0231020 | Bżar ħelu (kapsikum) | 0,01 (*) | 0,2 | 0,5 |
| 0231030 | Brunġiel | 0,4 | 0,4 | 0,3 |
| 0231040 | Okra | 0,01 (*) | 0,2 | 0,02 (*) |
| 0231990 | Oħrajn | 0,01 (*) | 0,2 | 0,02 (*) |
| 0232000 | (b) **kukurbiti tal-qoxra kommestibbli** | **0,4** | 0,2 | 0,5 |
| 0232010 | Ħjar | | | |
| 0232020 | Gherkins (ħjar żgħir) | | | |
| 0232030 | Qargħabagħli | | | |
| 0232990 | Oħrajn | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 0233000 | (c) **kukurbiti tal-qoxra li ma tittikilx** | 0,01 (*) | 0,2 | 0,5 |
| 0233010 | Bettieħ | | | |
| 0233020 | Qargħa aħmar | | | |
| 0233030 | Dulliegħ | | | |
| 0233990 | Oħrajn | | | |
| 0234000 | (d) **qamħirrum** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 0,04 |
| 0239000 | (e) **ħxejjex tal-frott oħrajn** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| 0240000 | **Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)** | 0,01 (*) | | |
| 0241000 | (a) **Brassika li twarrad** | | 1,5 | 0,5 |
| 0241010 | Brokkli | | | |
| 0241020 | Pastard | | | |
| 0241990 | Oħrajn | | | |
| 0242000 | (b) **brassika bir-ras** | | | |
| 0242010 | Brussels sprouts | | 0,01 (*) | 0,3 |
| 0242020 | Kaboċċa bir-ras | | 0,7 | 0,4 |
| 0242990 | Oħrajn | | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| 0243000 | (c) **brassika bil-weraq** | | | 1,5 |
| 0243010 | Kaboċċi Ċiniżi | | 9 | |
| 0243020 | Kale | | 0,01 (*) (+) | |
| 0243990 | Oħrajn | | 0,01 (*) | |
| 0244000 | (d) **ġdur** | | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| 0250000 | **Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu** | | | |
| 0251000 | (a) **ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata** | 0,01 (*) | 5 | |
| 0251010 | Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ | | | 10 |
| 0251020 | Ħass | | | 2 |
| 0251030 | Escaroles/Indivja tal-weraq wiesa’ | | | 0,4 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 0251040 | Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn | | | 10 |
| 0251050 | Krexxuni tal-art | | | 10 |
| 0251060 | Aruka | | | 10 |
| 0251070 | Mustarda ħamra | | | 10 |
| 0251080 | Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom speċijiet ta' brassika) | | | 10 |
| 0251990 | Oħrajn | | | 10 |
| 0252000 | (b) **spinaċi u weraq simili** | 0,01 (*) | 15 | |
| 0252010 | Spinaċi | | | 0,6 |
| 0252020 | Burdlieq | | | 0,02 (*) |
| 0252030 | Weraq tal-pitravi | | | 1,5 |
| 0252990 | Oħrajn | | | 0,02 (*) |
| 0253000 | (c) **weraq tad-dwieli u u ta' speċijiet simili** | 0,01 (*) | 40 | 0,02 (*) |
| 0254000 | (d) **krexxuni** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| 0255000 | (e) **ċikwejra** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 0,09 |
| 0256000 | (f) **ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu** | 0,02 (*) | | 2 |
| 0256010 | Maxxita | | 0,02 (*) | |
| 0256020 | Kurrat selvaġġ | | 0,02 (*) | |
| 0256030 | Weraq tal-karfus | | 0,02 (*) | |
| 0256040 | Tursin | | 0,02 (*) | |
| 0256050 | Salvja | | 0,02 (*) | |
| 0256060 | Klin | | 0,02 (*) | |
| 0256070 | Sagħtar | | 0,02 (*) | |
| 0256080 | Ħabaq u l-fjuri tiegħu li jittieklu | | 10 | |
| 0256090 | Weraq tar-rand | | 0,02 (*) | |
| 0256100 | Stragun | | 0,02 (*) | |
| 0256990 | Oħrajn | | 0,02 (*) | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 0260000 | **Legumi** | 0,01 (*) | | |
| 0260010 | Fażola (bil-miżwed) | | 0,01 (*) | 0,6 |
| 0260020 | Fażola (bla miżwed) | | 0,01 (*) | 0,3 |
| 0260030 | Piżelli (bil-miżwed) | | 1 | 0,6 |
| 0260040 | Piżelli (bla miżwed) | | 0,01 (*) | 0,15 |
| 0260050 | Għads | | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| 0260990 | Oħrajn | | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| 0270000 | **Ħxejjex biz-zokk** | 0,01 (*) | | |
| 0270010 | Asparagu | | 2 | 0,02 (*) |
| 0270020 | Kardun | | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| 0270030 | Krafes | | 0,01 (*) | 1,5 |
| 0270040 | Bużbież ta' Firenze | | 0,01 (*) | 1,5 |
| 0270050 | Qaqoċċ | | 0,01 (*) | 3 |
| 0270060 | Kurrat | | 2 | 0,8 |
| 0270070 | Rabarbru | | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| 0270080 | Rimi tal-pjanta tal-bambu | | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| 0270090 | Qlub tal-palm | | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| 0270990 | Oħrajn | | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| 0280000 | **Faqqiegħ, ħażiż u likeni** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| 0280010 | Faqqiegħ ikkultivat | | | |
| 0280020 | Faqqiegħ salvaġġ | | | |
| 0280990 | Ħażiż u likeni | | | |
| 0290000 | **Alka u organiżmi prokarjoti** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| 0300000 | **ŻRIERAGĦ IMNIXXFIN TAL-LEGUMI** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | |
| 0300010 | Fażola | | | 0,3 |
| 0300020 | Għads | | | 0,5 |
| 0300030 | Piżelli | | | 0,3 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 0300040 | Lupini | | | 0,05 |
| 0300990 | Oħrajn | | | 0,3 |
| 0400000 | **ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | |
| 0401000 | **Żrieragħ żejtnija** | | | |
| 0401010 | Żerriegħa tal-kittien | | | 0,2 |
| 0401020 | Karawett | | | 0,04 |
| 0401030 | Żerriegħa tal-peprin | | | 0,2 |
| 0401040 | Ġulġlien | | | 0,2 |
| 0401050 | Żerriegħa tal-ġirasol | | | 0,3 |
| 0401060 | Żerriegħa tal-kolza | | | 0,2 |
| 0401070 | Fażola tas-sojja | | | 0,2 |
| 0401080 | Żerriegħa tal-mustarda | | | 0,2 |
| 0401090 | Żerriegħa tal-qoton | | | 0,3 |
| 0401100 | Żerriegħa tal-qargħa ħamra | | | 0,02 (*) |
| 0401110 | Żrieragħ tal-għosfor | | | 0,2 |
| 0401120 | Żerriegħa tal-fiddloqom | | | 0,2 |
| 0401130 | Żerriegħa tal-camelina sativa | | | 0,2 |
| 0401140 | Qannebusa | | | 0,02 (*) |
| 0401150 | Żerriegħa tar-riġnuwa | | | 0,2 |
| 0401990 | Oħrajn | | | 0,02 (*) |
| 0402000 | **Frott taż-żejt** | | | 0,02 (*) |
| 0402010 | Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt | | | |
| 0402020 | Il-qlub taż-żerriegħa tal-palm taż-żejt | | | |
| 0402030 | Il-frott tal-palm taż-żejt | | | |
| 0402040 | Kapok | | | |
| 0402990 | Oħrajn | | | |
| 0500000 | **ĊEREALI** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | |
| 0500010 | Xgħir | | | 1 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 0500020 | Qamħ saraċin u ċereali foloż oħrajn | | | 0,02 (*) |
| 0500030 | Qamħirrum | | | 0,02 (*) |
| 0500040 | Millieġ komuni | | | 0,02 (*) |
| 0500050 | Ħafur | | | 1 |
| 0500060 | Ross | | | 0,09 |
| 0500070 | Segala | | | 0,2 |
| 0500080 | Sorgu | | | 0,5 |
| 0500090 | Qamħ | | | 0,2 |
| 0500990 | Oħrajn | | | 0,02 (*) |
| 0600000 | **TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB** | 0,05 (*) | | |
| 0610000 | **Tejiet** | | 0,05 (*) | 0,1 (*) |
| 0620000 | **Żrieragħ tal-kafè** | | 0,05 (*) | 0,3 |
| 0630000 | **Infusjonijiet erbali minn** | | | 0,1 (*) |
| 0631000 | (a) **fjuri** | | 0,05 (*) | |
| 0631010 | Kamomilla | | | |
| 0631020 | Ibisku | | | |
| 0631030 | Ward | | | |
| 0631040 | Ġiżimin | | | |
| 0631050 | Tilju | | | |
| 0631990 | Oħrajn | | | |
| 0632000 | (b) **weraq u ħxejjex aromatiċi** | | 0,05 (*) | |
| 0632010 | Frawla | | | |
| 0632020 | Rooibos | | | |
| 0632030 | Te tal-Paragwaj | | | |
| 0632990 | Oħrajn | | | |
| 0633000 | (c) **għeruq** | | | |
| 0633010 | Valerjana | | 0,05 (*) | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 0633020 | Ġinseng | | 0,15 | |
| 0633990 | Oħrajn | | 0,05 (*) | |
| 0639000 | (d) **kull parti oħra tal-pjanta** | | 0,05 (*) | |
| 0640000 | **Żerriegħa tal-Kawkaw** | | 0,05 (*) | 0,1 (*) |
| 0650000 | **Grupp Ħarrub** | | 0,05 (*) | 0,1 (*) |
| 0700000 | **ĦOPS** | 30 | 8 | 15 |
| 0800000 | **ĦWAWAR** | | | |
| 0810000 | **Ħwawar taż-żerriegħa** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,1 (*) |
| 0810010 | Ħlewwa | | | |
| 0810020 | Ħlewwa sewda/kemmun iswed | | | |
| 0810030 | Karfus | | | |
| 0810040 | Kosbor | | | |
| 0810050 | Kemmun | | | |
| 0810060 | Xibt | | | |
| 0810070 | Bużbież | | | |
| 0810080 | Fienu | | | |
| 0810090 | Noċemuskata | | | |
| 0810990 | Oħrajn | | | |
| 0820000 | **Ħwawar tal-frott** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,1 (*) |
| 0820010 | Bżar tal-Ġamajka/piment | | | |
| 0820020 | Bżar tas-Sichuan | | | |
| 0820030 | Ħlewwa Ġermaniża | | | |
| 0820040 | Kardamomu | | | |
| 0820050 | Frott tal-ġnibru | | | |
| 0820060 | Bżar (iswed, aħdar u abjad) | | | |
| 0820070 | Vanilja | | | |
| 0820080 | Tamar tal-Indja | | | |
| 0820990 | Oħrajn | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 0830000 | **Ħwawar tal-qoxra tas-siġar** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,1 (*) |
| 0830010 | Kannella | | | |
| 0830990 | Oħrajn | | | |
| 0840000 | **Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi** | | | |
| 0840010 | Għud is-sus | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,1 (*) |
| 0840020 | Ġinġer | | | |
| 0840030 | Żagħfran tal-Indja | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,1 (*) |
| 0840040 | Għerq tal-mustarda | | | |
| 0840990 | Oħrajn | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,1 (*) |
| 0850000 | **Ħwawar tal-blanzuni** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,1 (*) |
| 0850010 | Imsiemer tal-qronfol | | | |
| 0850020 | Kappar | | | |
| 0850990 | Oħrajn | | | |
| 0860000 | **Il-ħwawar ta' qalb il-fjura** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,1 (*) |
| 0860010 | Żagħfran | | | |
| 0860990 | Oħrajn | | | |
| 0870000 | **Ħwawar tal-aril** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,1 (*) |
| 0870010 | Il-qoxra barranija tan-noċemuskata | | | |
| 0870990 | Oħrajn | | | |
| 0900000 | **PJANTI TAZ-ZOKKOR** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | |
| 0900010 | Pitravi taz-zokkor | | | 0,2 |
| 0900020 | Kannamieli | | | 0,08 |
| 0900030 | Għeruq taċ-Ċikwejra | | | 0,5 |
| 0900990 | Oħrajn | | | 0,02 (*) |
| 1000000 | **PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TAL-ART** | | | |
| 1010000 | **Tessuti minn** | | 0,01 (*) | 0,05 (*) |
| 1011000 | (a) **ħnieżer** | | | |
| 1011010 | Muskoli | 0,01 (*) (+) | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1011020 | Tessut xaħmi | 0,01 (*) (+) | | |
| 1011030 | Fwied | 0,02 (+) | | |
| 1011040 | Kliewi | 0,02 (+) | | |
| 1011050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | 0,02 | | |
| 1011990 | Oħrajn | 0,01 (*) | | |
| 1012000 | (b) **bovini** | 0,01 (*) | | |
| 1012010 | Muskoli | (+) | | |
| 1012020 | Tessut xaħmi | (+) | | |
| 1012030 | Fwied | (+) | | |
| 1012040 | Kliewi | (+) | | |
| 1012050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | | | |
| 1012990 | Oħrajn | | | |
| 1013000 | (c) **ngħaġ** | | | |
| 1013010 | Muskoli | 0,01 (*) (+) | | |
| 1013020 | Tessut xaħmi | 0,01 (*) (+) | | |
| 1013030 | Fwied | 0,02 (+) | | |
| 1013040 | Kliewi | 0,02 (+) | | |
| 1013050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | 0,02 | | |
| 1013990 | Oħrajn | 0,01 (*) | | |
| 1014000 | (d) **mogħoż** | | | |
| 1014010 | Muskoli | 0,01 (*) (+) | | |
| 1014020 | Tessut xaħmi | 0,01 (*) (+) | | |
| 1014030 | Fwied | 0,02 (+) | | |
| 1014040 | Kliewi | 0,02 (+) | | |
| 1014050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | 0,02 | | |
| 1014990 | Oħrajn | 0,01 (*) | | |
| 1015000 | (e) **ekwini** | 0,01 (*) | | |
| 1015010 | Muskoli | (+) | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1015020 | Tessut xaħmi | (+) | | |
| 1015030 | Fwied | (+) | | |
| 1015040 | Kliewi | (+) | | |
| 1015050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | | | |
| 1015990 | Oħrajn | | | |
| 1016000 | (f) **pollam** | 0,01 (*) | | |
| 1016010 | Muskoli | | | |
| 1016020 | Tessut xaħmi | | | |
| 1016030 | Fwied | | | |
| 1016040 | Kliewi | | | |
| 1016050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | | | |
| 1016990 | Oħrajn | | | |
| 1017000 | (g) **annimali terrestri oħrajn imrobbijin** | | | |
| 1017010 | Muskoli | 0,01 (*) | | |
| 1017020 | Tessut xaħmi | 0,01 (*) | | |
| 1017030 | Fwied | 0,02 | | |
| 1017040 | Kliewi | 0,02 | | |
| 1017050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | 0,02 | | |
| 1017990 | Oħrajn | 0,01 (*) | | |
| 1020000 | **Ħalib** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 0,01 (*) |
| 1020010 | Bhejjem tal-ifrat | (+) | | |
| 1020020 | Nagħaġ | (+) | | |
| 1020030 | Mogħoż | (+) | | |
| 1020040 | Żwiemel | (+) | | |
| 1020990 | Oħrajn | | | |
| 1030000 | **Bajd tat-tjur** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 0,05 (*) |
| 1030010 | Tiġieġ | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1030020 | Papri | | | |
| 1030030 | Wiżż | | | |
| 1030040 | Summien | | | |
| 1030990 | Oħrajn | | | |
| 1040000 | **Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) |
| 1050000 | **Amfibji u Rettili** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 0,05 (*) |
| 1060000 | **Annimali terrestri invertebrati** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 0,05 (*) |
| 1070000 | **Annimali vertebrati terrestri slavaġ** | 0,01 (*) | 0,01 (*) | 0,05 (*) |
| 1100000 | **PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)** | | | |
| 1200000 | **PRODOTTI JEW PARTIJIET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)** | | | |
| 1300000 | **PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)** | | | |

(*) Jindika l-limitu l-aktar baxx ta’ determinazzjoni analitika

(a) Għal-lista sħiħa tal-prodotti ta’ oriġini mill-pjanti u l-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I

(+) Kombinazzjoni ta’ pestiċidi u prodotti li għaliha teżisti nota f’qiegħ il-paġna. Il-lista ta’ noti f’qiegħ il-paġna hija pprovduta hawn taħt.

**Ċiflumetofen (is-somma tal-isomeri)**

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi nuqqas ta’ informazzjoni dwar il-metodi analitiċi. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-27 ta’ Jannar 2025 jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

**1011010 Muskoli**
**1011020 Xaħam**
**1011030 Fwied**
**1011040 Kliewi**
**1012010 Muskoli**
**1012020 Xaħam**
**1012030 Fwied**
**1012040 Kliewi**
**1013010 Muskoli**
**1013020 Xaħam**
**1013030 Fwied**
**1013040 Kliewi**
**1014010 Muskoli**
**1014020 Xaħam**
**1014030 Fwied**

**1014040 Kliewi**
**1015010 Muskoli**
**1015020 Xaħam**
**1015030 Fwied**
**1015040 Kliewi**
**1020010 Bhejjem tal-ifrat**
**1020020 Nagħaġ**
**1020030 Mogħoż**
**1020040 Żwiemel**

## Oksatijapiprolin

L-MRL li ġej japplika għall-weraq tar-ravanell: 1,5 mg/kg.

**0243020 Kaboċċi (“kales”)**

## Piraklostrobin (F)

(F) Jinħall fix-xaħam”